KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 4.1.2011
KUMM(2010) 784 finali

2010/0387 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL- KUNSILL**

**dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti**

**(Riformulazzjoni)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet[1] li tordna lill-persunal tagħha li kull att għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, filwaqt li enfasizzat li din hija kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke f'intervalli iqsar biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tagħhom ikunu ċari u jinftiehmu malajr.

2. Il-kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti[2] nbdiet mill-Kummissjoni, u l-proposta rilevanti ġiet ippreżentata lill-awtorità leġiżlattiva[3]. Id-Direttiva l-ġdida kellha tissostitwixxi d-diversi atti inkorporati fiha[4].

3. Waqt il-proċedura leġiżlattiva, ġie rikonoxxut mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill li dispożizzjoni fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 90/435/KEE, li kienet tidher fl-Artikolu 4(5) tal-proposta għal test ikkodifikat setgħat tiftiehem bħala li qed tistabbilixxi t-tieni bażi legali. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Mejju 2008 fil-kawża C-133/06 u sabiex jitneħħa kwalunkwe dubju u għal fini ta' ċertezza legali, dawk iż-żewġ istituzzjonijiet talbu li jsir abbozzar mill-ġdid tad-dispożizzjoni fit-test ikkodifikat propost. Peress li tali abbozzar mill-ġdid jimplika tibdil sostantiv, u jmur lil hinn mill-kodifikazzjoni sempliċi, ġie meqjus neċessarju li l-punt 8[5] tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – Metodu ta' ħidma aċċelerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġiżlattivi – jiġi applikat, fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar dak il-punt[6].

4. L-emenda li għandha ssir lill-Artikolu 4(5) tat-test propost ikkodifikat tikkonċerna ż-żieda ta' kliem li jiċċaraw li r-regoli msemmija f'dik id-dispożizzjoni jiġu adottati mill-Kunsill filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura prevista mit-Trattat.

5. Huwa għalhekk xieraq li l-kodifikazzjoni tad-Direttiva 90/435/KEE tiġi ttrasformata f'riformulazzjoni sabiex tinkludi l-emenda neċessarja.

---

1 COM(87) 868 PV.

2 Magħmula skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - Kodifikazzjoni tal-*Acquis Communautaire,* COM(2001) 645 finali.

3 COM(2008) 691 finali.

4 Ara l-Anness II, Parti A għal din il-proposta.

5 *"Jekk waqt il-proċess leġislattiv jirriżulta li hemm bżonn li jmorru lilhinn mill-kodifikazzjoni sempliċi u jagħmlu tibdiliet sostantivi, hi r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tissottometti il-proposta(i), fejn hemm bżonn".*

6 *"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu nota tal-fatt li jekk jirriżulta li hemm bżonn li jmorru lil hinn mill-kodifikazzjoni sempliċi u jagħmlu tibdiliet sostantivi, il-Kummissjoni tkun tista' tagħżel, każ b'każ, jekk tirriformulax il-proposta tagħha jew jekk tippreżentax proposta separata għal emenda, filwaqt li tħalli l-proposta għal kodifikazzjoni pendenti, u sussegwentement, wara li l-emenda sostantiva tkun ġiet adottata, tinkorporaha fil-proposta għal kodifikazzjoni".*

↓ 90/435/KEE (adattat)

2010/0387 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL- KUNSILL**

**dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti**

**(Riformulazzjoni)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ldwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ⌦ 115 ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[7],

Wara li kkunsidra l-opinoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[8],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti[9] ġiet emendata kemm-il darba b'mod sostanzjali[10]. Peress li jridu jsiru iżjed emendi, hija għandha tiġi rriformulata għal iktar ċarezza.

[7] ĠU C [...], [...], p. [...].
[8] ĠU C [...], [...], p. [...].
[9] ĠU L 225, 20.8.1990, p. 6.
[10] Ara l-Anness II, Partijiet A.

↓ 2003/123/EC Premessa 2

(2) Il-għan ⊠ tad-Direttiva ⊠ 90/435/KE huwa li jiġu eżentati d-dividendi u t-tqassim ta' profitti oħra mħallsa mill-kumpanniji sussidjarji lill-kumpanniji *parent* tagħhom mit-taxxi f'ras il-għajn u sabiex tiġi eliminata t-taxxa doppja fuq dan id-dħul fil-livell ta' kumpannija *parent*.

↓ 90/435/KEE Premessa 1 (adattat)

(3) Ir-raggruppament tal-kumpanniji ta' Stati Membri differenti jista' jkun meħtieġ sabiex jinħolqu ġewwa l-⊠ Unjoni ⊠ kondizzjonijiet analogi għal dawk ta' suq intern u sabiex b'hekk jiġi żgurat it-tħaddim effettiv ta' suq ⊠ intern ta' dan it-tip ⊠. Dawn il-ħidmiet ma għandhomx jiġu mfixkla bir-restrizzjonijiiet, l-iżvantaġġi jew it-tagħwiġ li jinħolqu b'mod partikolari mid-dispożizzjonijiet tat-taxxi ta' l-Istati Membri. Huwa għalhekk meħtieġ li rigward dan ir-raggruppament ta' kumpanniji fl-Istati Membri differenti ⊠ jiġu previsti ⊠ regoli tat-taxxa li jkunu newtrali mill-lat tal-kompetizzjoni, sabiex l-intrapriżi jitħallew jaddattaw lilhom infushom għall-ħtiġiet tas-suq ⊠ intern ⊠, biex iżidu l-produttività tagħhom u sabiex itejbu s-saħħa kompetittiva tagħhom fil-livell internazzjonali.

↓ 90/435/KEE Premessa 2

(4) Dan ir-raggruppament jista' jirriżulta fil-formazzjoni ta' gruppi ta' kumpanniji prinċipali u ta' sussidjarji.

↓ 90/435/KEE Premessa 3 (adattat)

(5) ⊠ Qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 90/435/KEE ⊠ id-dispożizzjonijiet tat-taxxa li ⊠ kienu ⊠ jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-kumpanniji prinċipali u dawk sussidjarji fl-Istati Membri differenti ⊠ kienu ⊠ jvarjaw b'mod apprezzabbli minn Stat Membru għall-ieħor u ⊠ kienu ⊠ ġeneralment inqas vantaġġużi minn dawk ⊠ applikabbli ⊠ għall-kumpanniji prinċipali u s-sussidjari fl-istess Stat Membru. Il-kooperazzjoni bejn il-kumpanniji ta' Stati Membri differenti ⊠ kienet ⊠ b'hekk żvantaġġata meta mqabbla mal-kooperazzjoni bejn il-kumpanniji fl-istess Stat Membru. ⊠ Kien ⊠ meħtieġ li jiġi eliminat dan l-iżvantaġġ bid-dħul ta' sistema komuni sabiex tiffaċilita r-raggruppament tal-kumpanniji ⊠ fil-livell Komunitarju ⊠.

↓ 90/435/KEE Premessa 4

(6) Meta, bis-saħħa ta' l-assoċjazzjoni tagħha mal-kumpannija sussidjarja tagħha, il-kumpannija prinċipali tirċievi profitti mqassma, l-Istat tal-kumpannija prinċipali jrid jew jibqa' lura milli jintaxxa dan il-qligħ, jew jintaxxa dan il-qligħ filwaqt li jawtorizza lill-kumpannija prinċipali li tnaqqas mill-ammont tat-taxxa mistħoqqa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjoni mħallas mill-kumpannija sussidjarja li jkollu x'taqsam ma' dan il-qligħ.

↓ 90/435/KEE Premessa 5

(7) Huwa barra minn hekk meħieġ, sabiex tiġi żgurata n-newtralità fiskali, illi l-qligħ li kumpannija sussidjarja tqassam lill-kumpannija prinċipali tagħha jiġu eżentati mit-taxxa mnaqqsa.

↓ 2003/123/KE Premessa 8 (adattat)

(8) Il-ħlas tad-distribuzzjonijiet tal-qligħ lil stabbiliment permanenti ta' kumpannija prinċipali u l-irċevuta tagħhom minnha għandhom joħolqu l-istess trattament bħal dak li japplika bejn sussidjarja u l-kumpanija prinċipali tagħha. Dan għandu jinkludi s-sitwazzjoni meta kumpannija prinċipali u s-sussidjarja tagħha jkunu fl-istess Stat Membru u l-istabbiliment pemanenti jkun fi Stat Membru ieħor. Mill-banda l-oħra, jidher illi s-sitwazzjonijiet meta l-istabbilment permanenti u s-sussidjarja jkunu fl-istess Stat Membru jistgħu jiġu ttrattati, mingħajr preġudizzju għall- ⌦ applikazzjoni tal- ⌫ prinċipji tat-Trattat, fuq il-bażi tal-leġislazzjoni nazzjonali mill-Istat Membru kkonċernat.

↓ 2003/123/KE Premessa 9 (adattat)

(9) Fejn jidħol it-trattament ta' l-istabbilimenti permanenti, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet u l-istrumenti legali sabiex jipproteġu d-dħul mit-taxxa nazzjonali u ⌦ jiġi evitat it-tidwir tal-liġijiet nazzjonali, skond il-prinċipji tat-Trattat u filwaqt li ⌫ jitqiesu r-regoli tat-taxxa aċċettati internazzjonalment.

↓ 2003/123/KE Premessa 10

(10) Meta l-gruppi inkorporati jiġu organizzati fi ktajjen ta' kumpanniji u l-qligħ jistqassam permezz tal-katina tas-sussidjarji tal-kumpannija prinċipali, għandha tiġi eliminata t-tassazzjoni doppja jew b'eżenzjoni jew bi kreditu tat-taxxa. Fil-każ ta' kreditu tat-taxxa, il-kumpannija prinċipali għandha tkun kapaċi li tnaqqas kull taxxa mħallsa minn kull waħda mis-sussudjarji fil-katina sakemm jiġu sodisfatti l-ħtiġiet iddikjarati f'din id-Direttiva.

⇩ ġdid

(11) Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Mejju 2008 fil-kawża C-133/06[11], huwa meħtieġ li jsir abbozzar mill-ġdid tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 90/435/KEE, għall-fini li jiġi ċċarat li r-regoli msemmija fih huma adottati mill-Kunsill filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura prevista fit-Trattat.

[11] [2008] ECR I-03189.

↓

(12) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness II, Parti B,

↓ 90/435/KEE

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

1. Kull Stat Membru għandu japplika din id-Direttiva:

(a) għat-tqassim tal-qligħ irċevut mill-kumpanniji ta' dan l-Istat li jkun ġej mill-kumpanniji sussidjarji fi Stati Membri oħra;

(b) għat-tqassim tal-qligħ mill-kumpanniji ta' dan l-Istat lill-kumpanniji fi Stati Membri oħra li tagħhom il-kumpanniji ta' l-Istat ikunu sussidjarji;

↓ 2003/123/KE Art. 1 punt 1

(ċ) għad-distribuzzjonijiet tal-qligħ irċevut minn stabbilimenti permanenti li jinsabu f'dan l-Istat tal-kumpanniji ta' Stati Membri oħra li jiġu mis-sussidjarji tagħhom ta' Stat Membru ieħor għajr dak fejn jinsab l-istabbiliment permanenti;

(d) għad-distribuzzjonijiet tal-qligħ minn kumpanniji ta' dan l-Istat lil stabbilimenti permanenti fi Stat Membru ieħor ta' kumpanniji ta' l-istess Stat Membru li tagħhom ikunu sussidjarji.

↓ 90/435/KEE (adattat)

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali jew dawk imsejsa fuq ftehim meħtieġa għall-prevenzjoni tal-frodi jew l-abbuż.

*Artikolu 2*

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva ⌦ għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin: ⌫

(a) "kumpannija ta' Stat Membru" tfisser kull kumpannija li:

(i) tieħu waħda mill-għamliet elenkati fl-Anness I, Parti A;

(ii) skond il-liġijiet tat-taxxi ta' Stat Membru hija kkunsidrata bħala residenti f' dan l-Istat għall-għanijiet tat-taxxa u, skond it-termini ta' ftehim dwar it-taxxa doppja konkluż ma Stat terz, ma tkunx ikkunsidrata bħala residenti barra mill-⌦ Unjoni ⌫għall-għanijiet tat-taxxa;

(iii) barra minn hekk, tkun suġġetta għal waħda mit-taxxi ⌦ elenkati fl-Anness I, Parti B ⌫, mingħajr il-possibbilità ta' għażla jew li tiġi eżentata minnhom, jew tkun suġġetta għal kwalunkwe taxxa oħra li tista' tibdel kwalunkwe waħda minn dawn it-taxxi;

---

↓ 2003/123/KE Art. 1 punt 2, it-tieni parti

(b) "stabbiliment permanenti" tfisser post fiss tan-negozju li jinsab fi Stat Membru li minnu n-neġozju ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor jseħħ kollu jew parzjalment safejn il-qligħ ta' dak il-post ta' negozju jkun suġġett għal taxxa fl-Istat Membru li fih jinsab permezz ta' trattat bilaterali dwar it-taxxa relevanti jew, fin-nuqqas ta' trattat bħal dan, permezz tal-liġi nazzjonali;

---

↓ 2003/123/KE Art. 1 punt 3 (adattat)

*Artikolu 3*

1. Għall-għanijiet sabiex tiġi applikata din id-Direttiva:

(a) ⌦ l-istatus ta' kumpannija prinċipali ser jingħata ⌫:

(i) għall-inqas lil kull kumpannija ta' Stat Membru li twettaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u li jkollha investiment minimu ta' ⌦ 10 ⌫ % fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor li jwettaq l-istess kondizzjonijiet;

(ii) taħt l-istess kondizzonijiet, lil kumpannija ta' Stat Membru li jkollha investiment minimu ta' ⌦ 10 ⌫ % fil-kapital ta' kumpannija ta' l-istess Stat Membru, miżmum kollu jew parti minnu minn stabbiliment permanenti tal-kumpannija ta' qabel li tinsab fi Stat Membru ieħor;

---

↓ 2003/123/EC Art. 1 pt. 3

(b) 'sussidjarja' tfisser kumpanija li għandha kapital li jinkludi l-investiment imsemmi fil-punt (a).

---

↓ 90/435/KEE

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandu jkollhom il-għażla li:

(a) jibdlu, permezz ta' ftehim bilaterali, il-kriterju taż-żamma ta' investiment fil-kapital bil-kriterju ta' żamma ta' investiment bid-drittijiet għall-vot;

(b) li ma japplikawx din id-Direttiva għall-kumpanniji ta’ dan l-Istat Membru, li ma jżommux għal perjodu ta' żmien mhux interrott ta’ mill-inqas sentejn ishma li jikkwalifikawhom bħala kumpanniji prinċipali, jew għal dawk mill-kumpanniji tagħhom li fihom kumpannija ta’ Stat Membru ieħor ma żommx ishma minn dawn għal-perjodu ta' żmien mhux interrott ta’ mill-inqas sentejn.

*Artikolu 4*

---

↓ 2003/123/KE Art. 1 punt 4(a) (adattat)

1. Meta kumpannija prinċipali jew l-istabbiliment permanenti tagħha jirċievu qligħ imqassam bis-saħħa ta’ l-assoċjazzjoni tal-kumpannija prinċipali mas-sussidjarja tagħha, l-Istat tal-kumpannija prinċipali u l-Istat ta’ l-istabbiliment permanenti tagħha għandhom, għajr meta s-sussidjarja tiġi llikwidata, jew:

(a) iżommu lura milli jintaxxaw dan il-qligħ; jew

(b) jintaxxaw dan il-qligħ filwaqt li jawtorizzaw lill-kumpannija prinċipali u lill-istabbiliment permanenti li jnaqqsu mill-ammont mistħoqq tat-taxxa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet li jkollu x’jaqsam ma’ dan il-qligħ u mħallas mis-sussidjarja u minn kull sussidjara fi skala iktar baxxa, suġġett għall-kondizzjoni illi f’kull skala kumpannija u s-sussidjara ta’ l-iskala iktar baxxa tagħha ⌦ jaqgħu taħt id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u ⌫ jissodisfaw il-ħtiġiet ipprovvduti fl-Artikolu 3, sal-limitu ta’ l-ammont tat-taxxa mistħoqqa korrispondenti.

---

↓ 2003/123/KE Art. 1 punt 4(b) (adattat)

2. Xejn f’din id-Direttiva ma għandu jipprevjeni lill-Istat tal-kumpannija prinċipali milli jikkunsidra sussidjarja li tkun transparenti fiskalment fuq il-bażi ta’ l-evalwazzjoni ta’ dan l-Istat tal-karatteristiċi legali ta’ din is-sussidjarja li jirriżultaw mil-liġi li fuqha tkun ikkostitwita u għalhekk mit-tassazzjoni tal-kumpannija prinċipali fuq l-investiment tagħha tal-qligħ tas-sussidjarja tagħha kif u meta jirriżulta dan il-qligħ. F’dan il-każ, l-Istat tal-kumpannija prinċipali għandu jibqa lura milli jintaxxa l-qligħ mqassam tas-sussidjarja.

Meta jkun qiegħed jiġi evalwat l-investiment tal-kumpannija prinċipali qligħ hekk kif jinħolqu, l-Istat tal-kumpannija prinċipali għandu jew jeżenta dan il-qligħ jew jawtorizza lill-kumpannija prinċipali sabiex tnaqqas mill-ammont tat-taxxa mistħoqqa dak il-frazzjon tat-taxxa tal-korporazzjoni li għandu x’jaqsam ma' l-investiment tal-qligħ tal-kumpannija prinċipali u mħallas mis-sussidjarja tagħha u kull sussidjara ta’ livell iktar baxx, suġġett għall-kondizzjonijiet li f’kull livell kumpannija sussidjarja u s-sussidjarja tagħha ta’ livell iktar baxx ⌦ jaqgħu fid-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u ⌫ jissodisfaw il-ħtiġiet ipprovvduti fl-Artikoli 3, sal-limitu ta’ l-ammont tat-taxxa korrispondenti mistħoqqa.

↓ 90/435/KEE (adattat)
→1 2003/123/KE Art. 1 punt 4(ċ)

Kull Stat Membru għandu jżomm l-għażla li jipprovdi illi kull spiża li jkollha x'taqsam ma' l-ishma u kull telf li jirriżulta mit-tqassim tal-qligħ tal-kumpannija sussidjarja ma jistgħux jitnaqqsu mill-qligħ taxxabbli tal-kumpannija prinċipali.

Meta l-ispejjeż tal-ġestjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ishma f'dan il-każ jiġu stabbiliti bħala rata fissa, l-ammont stabbilit ma jistax jaqbeż il 5 % tal-qligħ mqassam mill-kumpannija sussidjarja.

4. →1 Il-paragrafi 1, u ⌦ 2 ⌫ għandhom japplikaw sad-data tad-dħul fis-seħħ effettiv ta' sistema komuni ta' tassazzjoni tal-kumpanniji. ←

↓ 90/435/KEE (adattat)
⇨ ġdid

5. Il-Kunsill ⇨ , filwaqt li jaġixxi unanimament skont proċedura leġiżlattiva speċjali u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⇦ għandu meta jkun xieraq jadotta r-regoli li jridu japplikaw wara ⌦ d-dħul fis-seħħ ta' sistema komuni ta' tassazzjoni tal-kumpanniji ⌫.

*Artikolu 5*

↓ 2003/123/KE Art. 1 punt 5(a)

Il-qligħ li sussidjarja tqassam lill-kumpannija prinċipali għandhom ikunu eżentati mit-taxxa mnaqqsa.

↓ 90/435/KEE

*Artikolu 6*

L-Istati Membri ta' kumpannija prinċipali ma jistgħux jordnaw il-ħlas tat-taxxa mnaqqsa fuq il-qligħ li kumpannija bħal din tirċievi minn kumpannija sussidjarja.

*Artikolu 7*

1. L-espressjoni "taxxa mnaqqsa" kif użata f'din id-Direttiva ma għandhiex tkopri ħlas minn qabel jew ħlas bil-quddiem ("*précompte*") tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet lill-Istat Membru tal-kumpannija sussidjarja li ssir b'rabta mat-tqassim tal-qligħ lill-kumpannija prinċipali tagħha.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali jew imsejsa fuq ftehim bil-ħsieb li telimina jew tnaqqas it-taxxa doppja ekonomika fuq id-dividendi, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-ħlas ta' krediti tat-taxxa lir-riċevituri ta' dividendi.

↓ 90/435/KEE (adattat)

*Artikolu 8*

L-Istati Membri għandhom ⌦ jikkomunikaw lill-Kummissjoni ⌫ t-testi tad-dispożizzjonijiet ewleniena tal-liġijiet ⌦ nazzjonali ⌫ li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

↓

*Artikolu 9*

Id-Direttiva 90/435/KEE, kif emendata mill-atti mniżżla fl-Anness II, Parti A, hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness II, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 10*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

↓ 90/435/KEE Art. 9

*Artikolu 11*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

↓ 2006/98/KE Art. 1 u Anness punt 7(b) (adattat)

## ANNESS I

**⌦ Parti A ⌫**

### LISTA TA' KUMPANNIJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2 (a) (i)

(a) kumpanniji inkorporati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/2001 tat-8 ta' Ottubru 2001 dwar l-Istatut ta' kumpannija Ewropea (SE)[12] u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/86/KE tat-8 ta' Ottubru 2001 li jissuplimenta l-Istatut għal kumpannija Ewropea rigward l-involviment tal-ħaddiema[13] u soċjetajiet kooperattivi inkorporati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut għal Soċjeta' Kooperattiva Ewropea (SCE)[14] u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/72/KE tat-22 ta' Lulju 2003 li tissuplimenta l-Istatut għal Soċjeta' Kooperattiva Ewropea fir-rigward ta' l-involviment ta' l-impjegati[15],

(b) kumpanniji skond il-liġi Belġjana magħrufa bħala "société anonyme"/"naamloze vennootschap", "société en commandite par actions"/"commanditaire vennootschap op aandelen", "société privée à responsabilité limitée"/"besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid", "société coopérative à responsabilité limitée"/"coöperatieve vennootschap met beperkte aansprakelijkheid", "société coopérative à responsabilité illimitée"/"coöperatieve vennootschap met onbeperkte aansprakelijkheid", "société en nom collectif"/"vennootschap onder firma", "société en commandite simple"/"gewone commanditaire vennootschap", impriżi pubbliċi li adottaw waħda mill-forom legali hawn fuq imsemmija, u kumpanniji oħra kostitwiti taħt il-liġi Belġjana suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji Belġjana,

(c) kumpanniji skond il-liġi Bulgara magħrufa bħala: "събирателно дружество", "командитно дружество", "дружество с ограничена отговорност", "акционерно дружество", "командитно дружество с акции", "неперсонифицирано дружество", "кооперации", "кооперативни съюзи", "държавни предприятия", kostitwiti taħt il-liġi Bulgara u twettaq attivitajiet kummerċjali,

(d) kumpanniji skond il-liġi Ċeka magħrufa bħala: "akciová společnost", "společnost s ručením omezeným",

(e) kumpanniji skond il-liġi Daniża magħrufa bħala "aktieselskab" and "anpartsselskab". Kumpanniji oħra suġġetti għal taxxa skond l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Kumpanniji, safejn id-dħul taxxabbli tagħhom jiġi kkalkulat u ntaxxat skond ir-regoli ġenerali dwar il-legislazzjoni tat-taxxi applikabbli għal "aktieselskaber",

(f) kumpanniji skond il-liġi Ġermaniża magħrufa bħala "Aktiengesellschaft", "Kommanditgesellschaft auf Aktien", "Gesellschaft mit beschränkter Haftung", "Versicherungsverein auf Gegenseitigkeit", "Erwerbs- und

[12] ĠU L 294, 10.11.2001, p. 1.
[13] ĠU L 294, 10.11.2001, p. 22.
[14] ĠU L 207, 18.8.2003, p. 1.
[15] ĠU L 207, 18.8.2003, p. 25.

Wirtschaftsgenossenschaft", "Betriebe gewerblicher Art von juristischen Personen des öffentlichen Rechts", u kumpanniji oħra kkostitwiti skond il-liġi Ġermaniza suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji Ġermaniża,

(g) kumpanniji skond il-liġi Estonjana magħrufa bħala: "täisühing", "usaldusühing", "osaühing", "aktsiaselts", "tulundusühistu",

(h) kumpanniji inkorporati jew eżistenti skond il-liġi Irlandiża, korpi rreġistrati taħt l-"Industrial and Provident Societies Act", soċjetajiet ta' kostruzzjoni inkorporati taħt il- "Building Societies Acts" u banek ta' savings fiduċjarji skond it-tifsira fil-"Trustee Savings Banks Act, 1989",

(i) kumpanniji skond il-liġi Griega magħrufa bħala "ανώνυμη εταιρεία",·"εταιρεία περιορισμένης ευθύνης (Ε.Π.Ε.)" u kumpanniji oħra kostitwiti skond il-liġi Griega suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji Griega,

(j) kumpanniji skond il-liġi Spanjola magħrufa bħala: "sociedad anónima", "sociedad comanditaria por acciones", "sociedad de responsabilidad limitada", korpi suġġetti għal-liġi pubblika li joperaw taħt il-liġi privata. Entitajiet oħra kostitwiti taħt il-liġi Spanjola suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji Spanjola ("Impuesto sobre Sociedades"),

(k) kumpanniji skond il-liġi Franċiża magħrufa bħala "société anonyme", "société en commandite par actions", "société à responsabilité limitée", "sociétés par actions simplifiées", "sociétés d'assurances mutuelles", "caisses d'épargne et de prévoyance", "sociétés civiles" li huma awtomatikament suġġetti għat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet, "coopératives", "unions de coopératives", stabbilimenti u impriżi pubbliċi industrijali u kummerċjali, u kumpanniji oħra kostitwiti skond il-liġi Franċiża suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji Franċiża,

(l) kumpanniji skond il-liġi Taljana magħrufa bħala "società per azioni", "società in accomandita per azioni", "società a responsabilità limitata", "società cooperative", "società di mutua assicurazione", u entitajiet pubbliċi u privati li l-attivita' tagħhom hija kollha jew parzjalment kummerċjali,

(m) skond il-liġi Ċiprijotta: "εταιρείες" kif definit fil-liġijiet dwar it-taxxa tad-Dħul,

(n) kumpanniji skond il-liġi Latvjana magħrufa bħala: "akciju sabiedrība", "sabiedrība ar ierobežotu atbildību",

(o) Kumpanniji inkorporati skond il-liġi Litwana,

(p) kumpanniji skond il-liġi tal-Lussemburgu magħrufa bħala "société anonyme", "société en commandite par actions", "société à responsabilité limitée", "société coopérative", "société coopérative organisée comme une société anonyme", "association d'assurances mutuelles", "association d'épargne-pension", "entreprise de nature commerciale, industrielle ou minière de l'Etat, des communes, des syndicats de communes, des établissements publics et des autres personnes morales de droit public", u kumpanniji oħra kostitwiti taħt il-liġi tal-Lussemburgu suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji tal-Lussemburgu,

(q) kumpanniji skond il-liġi Ungeriża magħrufa bħala: “közkereseti társaság”, “betéti társaság”, “közös vállalat”, “korlátolt felelősségű társaság”, “részvénytársaság”, “egyesülés”, “szövetkezet”,

(r) kumpanniji skond il-liġi Maltija magħrufa bħala: “Kumpaniji ta’ Responsabilita’ Limitata”, “Soċjetajiet en commandite li l-kapital tagħhom maqsum f’azzjonijiet”,

(s) kumpanniji skond il-liġi Olandiża magħrufa bħala “naamloze vennnootschap”, “besloten vennootschap met beperkte aansprakelijkheid”, “Open commanditaire vennootschap”, “Coöperatie”, “onderlinge waarborgmaatschappij”, “Fonds voor gemene rekening”, “vereniging op coöperatieve grondslag”, “vereniging welke op onderlinge grondslag als verzekeraar of kredietinstelling optreedt”, u kumpanniji oħra kostitwiti skond il-liġi Olandiża suġġettia għat-taxxa fuq il-kumpanniji Olandiża,

(t) kumpanniji skond il-liġi Awstrijaka magħrufa bħala “Aktiengesellschaft”, “Gesellschaft mit beschränkter Haftung”, “Versicherungsvereine auf Gegenseitigkeit”, “Erwerbs- und Wirtschaftsgenossenschaften”, “Betriebe gewerblicher Art von Körperschaften des öffentlichen Rechts”, “Sparkassen”, u kumpanniji oħra kostitwiti taħt il-liġi Awstrijaka suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji Awstrijaka,

(u) kumpanniji skond il-liġi Pollakka magħrufa bħala: “spółka akcyjna”, “spółka z ograniczoną odpowiedzialnością”,

(v) kumpanniji kummerċjali jew kumpanniji suġġetti għal-liġi ċivili li għandhom forma kummerċjali u kooperattivi u impriżi pubbliċi inkorporati skond il-liġi Portugiża,

(w) kumpanniji skond il-liġi Rumena magħrufa bħala: “societăți pe acțiuni”, “societăți în comandită pe acțiuni”, “societăți cu răspundere limitată”;

(x) kumpanniji skond il-liġi Slovena magħrufa bħala: “delniška družba”, “komanditna družba”, “družba z omejeno odgovornostjo”,

(y) kumpanniji skond il-liġi Slovakka magħrufa bħala: “akciová spoločnosť”, “spoločnosť s ručením obmedzeným”, “komanditná spoločnosť”,

(z) kumpanniji skond il-liġi Finlandiża magħrufa bħala “osakeyhtiö”/“aktiebolag”, “osuuskunta”/“andelslag”, “säästöpankki”/“sparbank” u “vakuutusyhtiö”/“försäkringsbolag”,

(aa) kumpanniji skond il-liġi Svediża magħrufa bħala “aktiebolag”, “försäkringsaktiebolag”, “ekonomiska föreningar”, “sparbanker”, “ömsesidiga försäkringsbolag”,

(ab) kumpanniji inkorporati taħt il-liġi tar-Renju Unit.

**⌦ Parti B ⌫**

**⌦ LISTA TA' TAXXI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(a) (iii) ⌫**

| |
|---|
| ↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)<br>l-ewwel inċiż |
| – impôt des sociétés/vennootschapsbelasting fil-Belġju, |
| ↓ 2006/98/KE Art. 1 u Anness punt 7(a) |
| – корпоративен данък fil-Bulgarija, |
| ↓ Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 Art. 20 u Anness II, punt 8, p. 560 |
| – Daň z příjmů právnických osob fir-Repubblika Ċeka, |
| ↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)<br>it-tieni inċiż |
| – selskabsskat fid-Danimarka, |
| ↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)<br>it-tielet inċiż |
| – Körperschaftssteuer fil-Ġermanja, |
| ↓ Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 Art. 20 u Anness II, punt 8, p. 560 |
| – Tulumaks fl-Estonja, |
| ↓ 90/435/KEE Art 2(ċ)<br>is-seba' inċiż |
| – taxxa fuq il-kumpanniji fl-Irlanda, |
| ↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)<br>ir-raba' inċiż |
| – φόρος εισοδήματος νομικών προσώπων κερδοσκοπικού χαρακτήρα fil-Greċja, |
| ↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)<br>il-ħames inċiż |
| – impuesto sobre sociedades fi Spanja, |

↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)
is-sitt inċiż

– impôt sur les sociétés fi Franza,

↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)
it-tmin inċiż

– imposta sul reddito delle persone giuridiche fl-Italja,

↓ Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003
Art. 20 u Anness II, punt 8, p. 560

– φόρος Εισοδήματος f'Ċipru,

– uzņēmumu ienākuma nodoklis fil-Latvja,

– pelno mokestis fil-Litwanja,

↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)
id-disa' inċiż

– impôt sur le revenu des collectivités fil-Lussemburgu,

↓ Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003
Art. 20 u Anness II, punt 8, p. 560

– társasági adó, osztalékadó fl-Ungerija,

– taxxa fuq l-*income* f'Malta,

↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)
l-għaxar inċiż

– vennootschapsbelasting fl-Olanda,

↓ Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994
Art. 29 u Anness I, p. 196

– Körperschaftssteuer fl-Awstrija,

↓ Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003
Art. 20 u Annex II, punt 8, p. 560

– Podatek dochodowy od osób prawnych fil-Polonja,

↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)
il-ħdax-il inċiż

– imposto sobre o rendimento das pessoas colectivas fil-Portugall,

↓ 2006/98/KE Art. 1 u Anness punt 7(a)

– impozit pe profit fir-Rumanija,

↓ Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 Art. 20 u Anness II, punt 8, p. 560

– davek od dobička pravnih oseb fis-Slovenja,

– daņ z príjmov právnických osôb fis-Slovakkja,

↓ Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994 Art. 29 u Anness I, p. 196

– yhteisöjen tulovero/inkomstskatten för samfund fil-Finlandja,

– statlig inkomstskatt fl-Isvezja,

↓ 90/435/KEE Art. 2(ċ)
it-tnax-il inċiż

– corporation tax fir-Renju Unit.

↑

## ANNESS II

### Parti A

**Direttiva mħassra flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tagħha**
(imsemmi fl-Artikolu 9)

Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE
(ĠU L 225, 20.8.1990, p. 6)

Punt XI.B.I.3 ta' l-Anness I ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-1994
(ĠU C 241, 29. 8.1994, p. 196)

Direttiva tal-Kunsill 2003/123/KE
(ĠU L 7, 13.1.2004, p. 41)

Punt 9.8 ta' l-Anness II ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003
(ĠU L 236, 23.9.2003, p. 555)

Direttiva tal-Kunsill 2006/98/KE
(ĠU L 363, 20.12.2006, p. 129)

Anness, Punt 7 biss

### Parti B

**Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali**
(imsemmi fl-Artikolu 9)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 90/435/KEE | 31 ta' Diċembru 1991 |
| 2003/123/KE | 1 ta' Jannar 2005 |
| 2006/98/KE | 1 ta' Jannar 2007 |

## ANNESS III

### TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Direttiva 90/435/KEE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1(1) l-ewwel sar-raba' inċiż | Artikolu 1(1)(a) sa (d) |
| Artikolu 1(2) | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 2(1), l-ewwel parti tal-frażi tal-bidu | Artikolu 2, frażi tal-bidu |
| Artikolu 2(1), it-tieni parti tal-frażi tal-bidu | Artikolu 2(a) |
| Artikolu 2(1) (a) | Artikolu 2(a) (i) |
| Artikolu 2(1) (b) | Artikolu 2 (a) (ii) |
| Artikolu 2(1) (c), frażi tal-bidu ta' l-ewwel subparagrafu, u t-tieni subparagrafu | Artikolu 2(a) (iii) |
| Artikolu 2(1) (c), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sas-seba' u għoxrin inċiż | Anness I, Parti B, l-ewwel sas-seba' u għoxrin inċiż |
| Artikolu 2(2) | Artikolu 2(b) |
| Artikolu 3(1), frażi tal-bidu | Artikolu 3(1)(a), frażi tal-bidu |
| Artikolu 3(1)(a) l-ewwel subparagrafu, frażi tal-bidu | Artikolu 3(1)(a), frażi tal-bidu |
| Artikolu 3(1)(a) l-ewwel subparagrafu, l-aħħar tal-bidu | Artikolu 3(1)(a) |
| Artikolu 3(1)(a) it-tieni subparagrafu | Artikolu 3(1)(a)(ii) |
| Artikolu 3(1)(a) it-tielet subparagrafu | - |
| Artikolu 3(1)(a) ir-raba' subparagrafu | Artikolu 3(1) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 3(1)(b) | Artikolu 3(1)(b) |
| Artikolu 3(2) l-ewwel u t-tieni inċiżi | Artikolu 3(2)(a) u (b) |
| Artikolu 4(1) l-ewwel u t–tieni inċiżi | Artikolu 4(1)(a) u (b) |
| Artikolu 4(1a) | Artikolu 4(2) |
| Artikolu 4(2) l-ewwel sentenza | Artikolu 4(3) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 4(2) it-tieni sentenza | Artikolu 4(3) it-tieni subparagrafu |

| | |
|---|---|
| Artikolu 4(3) l-ewwel subparagrafu | Artikolu 4(4) |
| Artikolu 4(3) it-tieni subparagrafu | Artikolu 4(5) |
| Artikoli 5, 6 u 7 | Artikoli 5, 6 u 7 |
| Artikolu 8(1) | - |
| Artikolu 8(2) | Artikolu 8 |
| - | Artikolu 9 |
| - | Artikolu 10 |
| Artikolu 9 | Artikolu 11 |
| Anness | Anness I, Parti A |
| - | Anness II |
| - | Anness III |